MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Numru. 108/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Silvio Hili**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Silvio Hili**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bin Michael u Pauline neé Grech, imwieled Rabat, Ghawdex fil-25 ta' Jannar 1971, residenti 31, Flat 3, Triq Taht Putirjal, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 3371(G), akkuzat talli:

1. f'Novembru 2002, f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' Godwin Scerri I.D. 858144(M) u/jew il-Gvern ta' Malta;

2. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Godwin Scerri ID 858144(M) u/jew il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 15)

Semghet, waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 4), lill-kwerelant jiddikjara li huwa ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri *stante* li l-boll/taxxa mertu tal-proceduri odjerni gew imhallsa mill-imputat u semghet lill-kwerelant jiddikjara wkoll li huwa kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 5), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, a rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: <u>fuq naha wahda</u>, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u, <u>fuq in-naha l-ohra</u>, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 10), id-dokumenti ezebiti mid-difiza fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 (Dok. "CG 1" u "CG 2" – *a fol.* 16 *et*

*seq.*) u kif ukoll il-fatt li l-kwerelant iddikjara li kien sar il-hlas relattiv mill-imputat u li l-istess kwerelant kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 293, 294, 308, u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Silvio Hili hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti, wara li rat Artikolu 30(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifika lill-imputat milli jezercita l-professjoni ta' nutar ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------